MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2015

Numru. 192/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs.**

**Simone Zammitti,**

**Lorenzo Aloscari u**

**Christian Tramontana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Simone Zammitti, ta' 21 sena, imwield Italja, fit-30 ta Mejju 1994, iben Maurizio u Mirella xebba Lentini, residenti: Kamra 505, Hibernia Hostel, Depiro Street, Sliema u detentur tal-karta ta l-identita Taljana numru AU 0225323,

Lorenzo Aloscari, ta' 20 sena, imwield Italja, fil-11 ta April 1995, iben Pasquale u Lucia xebba Santilo, residenti: Kamra 505, Hibernia Hostel, Depiro Street, Sliema u detentur tal-passaport Taljana numru AA 3275014,

Christian Tramontana, ta' 21 sena, imwield Italja, fit-23 ta Settembru 1993 iben Placido u Simona xebba Ferrari, residenti: Kamra 505, Hibernia hostel, Depiro Street, Sliema u detentur tal-karta ta l-identita Taljana numru AU 2201639

Akkuzati talli fit-18 ta Lulju 2015 u l-granet ta qabel gewwa kamra 505, Hibernia Hostel, Depiro Street, Sliema u fi nhawi ohra f'dawn l-gzejjer:

1. Kellhom fil-pussess taghhom id-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienux bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzati li jimmanifatturaw, jew li jfornu d-droga msemmija u meta ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollom d-droga msemmija fil-pussess taghhom u naqsu li jipprovaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Kellhom fil-pussess taghhom il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta’ l-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordnijiet tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta’ l-Artikolu 22 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) fil-konfront ta’ kull wiehed mill-imputati, sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi it-tlett imputati rregistraw ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri.

Rat illi din il-Qorti wissiet lit-tliet imputati bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni taghhom u senjatament li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrihom hija ta’ sena u nofs prigunerija u/jew multa ta’ €3494.05 u wara li l-Qorti tat lill-imputati hin adegwat biex jikkonsultaw mal-avukat difensur taghhom u jaraw jekk iridux jirrevedu l-posizzjoni taghhom, l-imputati regghu kkonfermaw l-ammissjoni taghhom.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputati stess, il-Qorti ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet dedotti migjuba fil-konfront taghhom.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputati, u li ma jirrizultax li l-imputati kienu kkommettew xi reat iehor hawn Malta qabel dawn.

L-imputati kienu qieghdin joqghodu flimkien f'kamra f'hostel u f'din il-kamra nstabu b'bicciet bojod tal-kannabis li kellhom piz komplessiv ta' 3.01 grammi u tlett (3) crushers li fihom tracci tal-pjanta cannabis.

Fit-trattazzjoni orali, l-Ufficcjal Prosekutur ivverbalizza hekk: *"F'dan l-istadju l-Ufficjal Prosekutur jiddikjara illi wara investigazzjoni ulterjuri u cioe' wara t-tehid tal-istqarrijiet u wara li l-akkuzi gewipprezentati l-Qorti, rrizulta li l-imputati kellhom gramma kokaina kull wiehed u mhux dik ta' tliet grammi kokaina kull imputat. Fir-rigward tal-cannabis kien hemm biss tracci fil-crushers li gew esebiti llum stess."*

Fid-dawl ta' dan il-verbal, il-Qorti hija tal-opinjoni li kien ikun aktar idoneo, kieku l-Prosekuzzjoni mexxiet il-proceduri kontra l-imputati taht il-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta, milli taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Pero dan il-Prosekuzzjoni ma setghetx taghmlu, ghax fl-istqarrijiet taghhom, l-imputati ikkoperaw ftit li xejn mal-Pulizija – kif kellhom dritt jaghmlu – u ghazlu li jikkoperaw mal-Pulizija, biss wara li l-Ufficjal Prosekutur kien diga intavola dawn il-proceduri quddiem din il-Qorti.

Il-pieni ghar-reat ta' pussess semplici ta' gramma kokajina u pussess tal-pjanta cannabis kontemplati fl-Artikolu 4 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta huma bil-wisq inferjuri ghal dawk kontemplati fil-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-piena massima hija ta' sena u nofs prigunerija u/jew multa €3494.05. Fil-fatt taht il-Kapitolu 537, il-piena ghal pussess semplici ta' gramma kokajina hija ta' penali ta bejn €25 u €125 u l-piena ghal pussess semplici tad-droga cannabis hija bejn €50 u €100.

Meta l-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, hija waslet ghal konkluzjoni li fil-kaz odjern jezistu ragunijiet specjali u straordinarji, ghalfejn din il-Qorti ghandha tati piena inqas mill-izghar piena stabbilita fil-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta ghal pussess semplici tad-droga, u dan partikolarment ghaliex huwa principju kemm tad-dritt penali Malti (ara Artikolu 27 tal-Kodici Civili) kif ukoll tal-kazistika tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li imputat ghandu jibbenifika mill-piena l-aktar vantaggjuza ghalih.

Ghal dawn ir-ragunjiet, u fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-pieni stabbiliti fil-Kapitolu 537, minkejja li dawn il-proceduri ma sarux taht dak il-Kapitolu.

Rigward is-sottomissjonijiet tad-difiza, li l-imputati ghandhom jitpoggew taht ordni ta' liberta kondizzjonata taht il-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti tqis li l-pussess ta' droga, f'dan il-kaz zewg drogi, anke jekk wiehed semplici, huwa reat serju, u fic-cirkostanzi kollha tal-kaz ma tqisx li ordni ta' liberta kondizzjonata hija mizura idonea ghar-reati kommessi fil-kaz odjern.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 8(d), it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikolu 22(1)(a), 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 issib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u qed tikkundannhom ghal hlas ta' multa ta' mija u hamsin Euro (€150.00) kull wiehed, li ghandha tithallas minnufih. Jekk xi wiehed mill-hatja jonqos li jhallas din il-multa, l-ammont tal-multa jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Il-Qorti tordna li d-droga ezebita u l-affarijiet konnessi maghha jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-registratur.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------